VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,277, 9 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 244 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza fl-Edukazzjoni u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), 77(c)(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza fl-Edukazzjoni u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali, u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Istatut għaċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza fl-Edukazzjoni u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali, ppubblikat bħala Avviż Legali 322 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Emenda għat-titolu tal-istatut prinċipali

2. Minflok it-titolu tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Statut għaċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali."

L-Emenda għall-artikolu 2 u l-paragrafi (a), (b), (c), (d) (e), (f) u (g) tal-artikolu 2 tal-istatut prinċipali

3. Minflok l-artikolu 2 u l-paragrafi (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g) tal-artikolu 2 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"2. L-għan taċ-Ċentru hu li jiżviluppa u jmexxi 'l quddiem ix-xjenza u l-prattika riċerkata tas-saħħa emozzjonali u soċjali, il-benesseri u r-reżiljenza fost it-tfal u ż-żgħażagħ bħala parti integrali mill-edukazzjoni tagħhom, u li jservi bħala bażi reġjonali ta' riċerka fl-edukazzjoni u l-iżvilupp emozzjonali u soċjali tat-tfal u ż-żgħażagħ. Iċ-Ċentru ser iservi wkoll bħala bażi reġjonali fl-Ewropa t'Isfel u l-Mediterran għall-ENSEC, li hija għaqda ta' riċerkaturi u prattikanti Ewropej li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa emozzjonali u soċjali fost it-tfal u ż-żgħażagħ. L-għanijiet ewlenin taċ-Ċentru huma:

(a) li jistablixxi kollaborazzjoni ma' riċerkaturi u prattikanti lokali, Ewropej u internazzjonali għall-promozzjoni tas-saħħa emozzjonali u soċjali u r-reżiljenza fost it-tfal u ż-żgħażagħ;

(b) li jniedi, jagħmel u jippubblika riċerka lokali, Ewropea u internazzjonali fil-promozzjoni tas-saħħa emozzjonali u soċjali u r-reżiljenza fost it-tfal u ż-żgħażagħ u fil-prevenzjoni ta' diffikultajiet soċjali, emozzjonali u ta' mġiba;

(c) li jiżviluppa u jmexxi 'l quddiem strateġiji ta' prevenzjoni u prattika mibnija fuq stħarriġ u teorija soda, dwar is-saħħa emozzjonali u soċjali u r-reżiljenza fost it-tfal u ż-żgħażagħ;

(d) li jqajjem għarfien u jippromovi tagħlim dwar prattika tajba u stħarriġ relevanti dwar is-saħħa emozzjonali u soċjali u r-reżiljenza fost it-tfal u ż-żgħażagħ;

(e) li jipprovdi servizz ta' konsultazzjoni u jaħdem f'diversi setturi edukattivi, kliniċi u soċjali biex imexxi 'l quddiem is-saħħa emozzjonali u soċjali u r-reżiljenza fost it-tfal u ż-żgħażagħ u jevita diffikultajiet soċjali, emozzjonali u ta' mġiba;

(f) li jipprovdi tagħlim u taħriġ avvanzat imsejjes fuq ir-riċerka għall-edukaturi u professjonisti oħra kemm lokali kif ukoll fuq livell Ewropew; u

(g) li jservi bħala bażi lokali u reġjonali għall-*European Network in Social and Emotional Competence*."

L-Emenda għall-artikolu 3 (viii) tal-istatut prinċipali

4. Minflok l-artikolu 3 (viii) tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3 (viii) riċerkatur appuntat mill-ENSEC, għaqda ta' riċerkaturi u prattikanti Ewropej li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa emozzjonali u soċjali fost it-tfal u ż-żgħażagħ; u"